# Il-Vapuri fil-Viċin

John Aquilina

Il-lukanda kienet id-dinja kollha tiegħi. Mibnija f'tarf l-art, wara r-ramla, kienet l-aħħar rokna tad-dinja fejn il-karozzi kienu jiġu biss biex iwasslu t-turisti u joħduhom lura lejn l-ajruport. Aħna ma kellniex karozza. Kull meta missieri kien ikollu bżonn joħroġ, kien jitlob lil ħija jsellfu l-karozza tiegħu. Ħija kien joqgħod waħdu, f'waħda mill-kmamar tal-lukanda. Kien mar minn kmieni jgħix waħdu, u baqa' waħdu. La ommi, la missieri, u lanqas jien u oħti ma konna nafuh sew. Kien qisu xi ħadd barrani għalina, u ħajtu kien ifittex li jgħixha għalih innifsu. Kien hemm ħafna ħafna iktar nies li ma konniex nafuhom, wara kollox.

Id-dinja kienet tibda u tispiċċa taħt l-għatba tagħna. Il-lukanda żammejnieha għax kienet tal-familja, u meta missieri kien xaba' joqgħod ir-raħal l-ieħor, għaqqad erba' kmamar flimkien u biddel sular mil-lukanda f'dar għalina. Konna ngħixu kuntenti u magħrufa minn ħadd; it-turisti ma konniex nifhmu l-ferħ tagħhom. Fattigi qatt ma impjegajna. Ommi dejjem qalet li anki jekk tħallashom ma kinitx tiflaħ tara min jaħslilha l-art bħal skjav, allura kienet taħsel kullimkien hi, u l-ħwejjeġ konna nibagħtuhom il-lavanderija.

Il-lukanda kienet tħares għal fuq il-baħar, u l-bieb ta' barra kien imiss mar-ramel għajr għal passaġġ żgħir. Ma' ġenb minnhom, fuq biċċa art li kienet toħroġ bħal ilsien f'nofs il-baħar, kienu jħottu l-merkanzija, u konna mdorrijin naraw il-vapuri kbar, kważi daqs bini quddiemna. L-iżjed li kien jogħġobni kien il-lejl. Kont noħroġ fuq il-bejt u nħares lejn ir-riflessi tad-dwal fl-ilma u r-raġġi

jiċċaqalqu maċ-ċafċif tal-baħar. Kelli madwar ħmistax-il sena dak iż-żmien, u l-kalma kienet tidħol fija u tifdini. Kultant kien jiġini li naqbad ngħajjat (mhux bir-rabja, imma biex nikser is-silenzju) u nistħajjel li l-baħar iweġibni bl-eku ta' leħni, u ma nkun smajt xejn ġdid xorta waħda. Minn fuq il-bejt kont nixtieq li qiegħed nippassiġġa fuq ir-ramel, u nara l-kulur ta' ħwejġi jsir aħdar minn aħmar, jew iswed għalkollox, fid-dwal artifiċjali. Kien jiġini li ninżel isfel u ngħum waħdi fl-ilma kiesaħ. Imma mbagħad kont nibża'. Ninżel bix-xugaman fuq spallti, imbagħad xħin inħares lejn l-ilma mill-viċin kien jimbuttani lura. Kien jidher mudlam u impenetrabbli, u kont nibża' li jekk indaħħal sieqi ma nkunx nista' noħroġha. Għalhekk kont nitla' lura fuq, u nistenna li jasal l-għada, meta l-baħar kellu jerġa' jsir ikħal flok iswed, ilma flok lava, li jiġbidni flok ibeżżagħni. L-affarijiet jinbidlu skont kif tħares lejhom.

U l-baħar inbidel żgur meta miet ħija. Damu jfittxuh ġurnata, u meta sajjied stad ġismu qalilna li fejn għereq kien post fond fejn il-baħar kien jobormok 'l isfel bla ma taf kif. Niftakar ommi kienet bkiet sa ma d-dmugħ nixef ma' wiċċha li kien jidher miġbud u jwaħħal. Baqgħet ma tridx temmen. Ippruvat tersaq lejn il-katavru biex tbusu imma l-pulizija malajr ġibidha lura. "Tħassar l-evidenza jekk tmissu, sinjura. Ersaq lura, Ersaq lura."

Missieri żamm lil ommi bejn dirgħajh u ma qal xejn. U x'kien hemm x'tgħid? Kemm hi kerha x-xewqa, kemm hi qattiela l-mewt u li messha tinxteħet fil-ħabs għal għomorha? F'xi ħinijiet is-skiet jaf jitkellem, u forsi għalhekk ma kienx hemm storbju. Jien kont mibluh qisni skoprejt xi ħaġa u ħadt qatgħa biha. U dak il-ħin, jien u nisma' l-vuċijiet metalliċi ħerġin mir-radjijiet tal-pulizija, u jien u nosserva l-baħar jirkeb ir-ramel bla mistħija, ftakart. Kien dalam, imma r-roqgħa ramel kienet imdawla minn bozza kbira. Il-katavru kienu għattewh bi gverta ħoxna – forsi biex ma jħossx bard, kont naħseb kieku kont iżgħar, imma ma kontx.

* * *

Niftakar li l-lejl kien wieħed mill-iktar kwieti. Kont fuq il-bejt waħdi, inħares lejn il-qamar felli f'nofs il-baħar u d-dwal qishom ħbula mlewna bir-rogħda. Smajtu tiela' għax il-bieb tal-bejt kont ħallejtu miftuħ.

"Joseph," qalli hu u riesaq lejja.

“X’kien għadek ma dħaltx torqod, Omar?” saqsejtu maħsud. “Mela m’intix xogħol kmieni għada filgħodu?”

“Iva, għada xogħol. Imma llum ma nistax norqod. Qatt ma ġratli din. Ftakart li int tħobb titla’ hawn billejl, u ġejt ħdejk.”

“Issa la ġejt, ibqa’,” għidtlu. “Hawn sabiħ, hux veru? Kollox jidher mitluq, rieqed, imma lest jerġa’ jieħu l-ħajja hekk kif titla’ x-xemx.”

“Id-dawl ibiddel, Joseph. Aħjar hekk, aħjar hekk.”

“Hekk?” Ħarist lejh skantat għax ma kontx imdorri nisimgħu jitkellem dwar x’jaħseb jew xi jħoss.

“Id-dlam,” qalli.

F’daqqa waħda bħal inħasad u pponta lejn il-vapuri fil-bogħod. Kienu mdallma u ma kinux qed jiċċaqalqu, sodi kważi daqs l-art.

“Meta kont żgħir, iżgħar minnek, Joseph, kont naħseb li l-vapuri qegħdin viċin tagħna. Kont inħossni rrid noħroġ idejja u nilħaqhom,” tbissem.

“Daqs kemm huma kbar!” għidtlu skantat. “Tħosshom tant ikbar minnek, idawruk minn kullimkien, b’dawk il-faxex miżbugħa li għandhom, iswed ’il fuq u aħmar ’l isfel għal taħt l-ilma.”

“Imma lili kienu jidhruli żgħar. Żgħar u fil-viċin. L-idea li kienet tgħaddili minn moħħi kienet li ngħum, nilħaq sa ħdejhom, imbagħad nitla’ fuqhom minn dik in-naħa tan-nofs – qed tara kemm huma baxxi hemm f’qaddhom? Imbagħad infittex mal-vapur kollu, insib lill-baħħara u ngħidilhom kemm kien żgħir il-vapur tagħhom.”

It-tnejn li aħna konna dħaqna u d-daħqa għoliet ’il fuq u ntilfet fid-dlam. Imbagħad waqafna ħesrem u s-skiet reġa’ kkmanda.

Dak il-lejl ma kontx irqadt, u naħseb wisq inqas raqad Omar. Il-ħsieb ta’ tifel jgħum bil-lejl, sakemm jasal ħdejn vapur, ma stajtx ineħħih minn quddiem għajnejja. Iċ-ċafċif ta’ jdejh kif jaħbtu mal-ilma; il-wasla; imbagħad jinduna li l-vapur kien tassew kbir, li ma stajtx taqbeż għal fuqu u titkellem mal-baħħara. U r-raġel jerġa’ lura b’qalbu miksura, jintefa’ fuq ir-ramel u jerġa’ jqum filgħodu bl-istess ħolma. U ħajtu jgħaddiha jmur sal-vapur u lura, u dejjem isib il-vapur bħal ħajt quddiemu. U l-baħħara ma jsirux jafuh u fl-aħħar isalpaw ’il barra mill-port.

Wara dak il-lejl, Omar beda jitla’ kuljum fuq il-bejt ħdejja, u konna nitkellmu ftit li xejn. B’geddumna maċ-ċint, konna nħarsu ċassi ’l isfel, lejn il-ħbula ta’

dawl jirtogħdu fuq wiċċ l-ilma. Imbagħad isir il-ħin, nidħlu ġewwa, insakkru l-bieb tal-bejt warajna, u mmorru lejn il-kmamar tagħna. Ommi indunat imma qatt ma qalet xejn. Darba sibtha tistennieni għax ħasbitni bqajt nara t-televiżjoni fit-tard. Imma ħlief dik id-darba, dejjem baqgħet rieqda. Jien kont nibqa' mqajjem kważi l-lejl sħiħ. Kont nixgħel ir-radju u ndawwar minn stazzjon għal ieħor biex insib xi programm. Imbagħad nintefa' lura, nimtedd, u nisma'. Dak ir-radju kien tieqa għal barra għalija; radju jaf iżommok milli tindifen ħaj. Imma kont nisimgħu biss mal-lejl – musbieħ għal widnejja.

* * *

L-għada tal-mewt kienet saret l-awtopsja – "mewt bl-għarqa" kien il-verdett uffiċjali. Meta ommi staqsiet għaliex ġisem binha nstab daqshekk 'il barra, qalulha li dak il-lejl ir-riħ kien jonfoħ lil dik in-naħa. Iżda jien kont naf għaliex Omar kien 'il barra mix-xatt. Ftehemna mal-pulizija biex nidfnuh fil-baħar, u meta t-tebut niżżilnih ġol-ilma, u smajna ċ-ċafċifa tal-mewġ tibla' l-injam, ħsibt: *Omar miet għax bala' l-ilma, u issa miet it-tieni darba għax l-ilma bala' lilu*.

Il-mewt tista' tgħid ma ddiskutejnihiex. Ma kien hemm ebda talb twil għal ħija jew ħsibijiet tqal fuq kemm seta' jkun kiefer id-destin. Ommi u missieri aċċettaw kollox u siktu, għax ma setgħux jagħmlu mod ieħor. Forsi l-akbar sogħba tagħhom kienet li binhom kien telaq bla tislima, intilef waħdu. Setgħu ħasbu li ma kienx jagħti kashom, tant li ma ddejjaqx imut. Jien ma ħassejt xejn minn dan. Għalkemm ħarist lejn il-vapuri u sħetthom dik il-lejla, l-epitaffju ta' ħija kont nafu. Kienet xi ħaġa tal-ġenn għalija – li xi ħadd imut għal ħolma meta jista' ma jagħtix kasha u jkompli għal triqtu. Imma jekk tagħżel li tidħol fi sqaq u titbiegħed mit-triq ewlenija, ma tafx għalxiex tkun dħalt.

Il-baħar, id-dawl; kollox baqa' l-istess. Kellhom bixra maestuża, u l-vapuri kienu jidhru żgħar u fil-viċin – imma ma jintlaħqux, bħall-ħajja. Dakinhar, ir-ramel kien għal xi ħin mimli b'nies ta' kull xorta li waqfu jaraw l-inċident stramb li kien ġara lir-raġel stramb jismu Omar. Wara li kienu ħaduh, in-nies marru bla ma sellmulna għax ma kinux jafuna, u kien qisu ma ġara xejn. Ommi ma qaltli xejn għajr li saqsietni, "Miet ħuk. Taf x'jiġifieri miet ħuk?" u dawret wiċċha. Għajnejha, indunajt, kienu qed iħarsu ċassi ġo tiegħi u l-ħarsa kienet ta' waħda mbikkma. Naħseb kienet waslet li taqbżilha demgħa xħin neħħiet

ħarsitha minn fuqi. Wara sogħob bija li ma kont kapaċi nweġibha xejn u bqajt ċass għall-mistoqsija, "Taf x'jiġifieri miet ħuk?"

Ħsibtha kemm-il darba li ngħidilha kulma kont naf, imma bżajt li nnikkitha. Tassew, aħjar ma tkun taf xejn. Jien kont naf, u d-dulur tiegħi qsamtu ma' dal-baħar li kien jaf ukoll u li żgur ma kienx jitnikket. Illum, meta nkun fuq il-bejt billejl, nistħajjel li qed nisma' ċafċifa ġejja minn taħti u li ħdejja nisma' l-istess kliem: "Ninżel ngħum, nilħaq sa ħdejhom, imbagħad nitla' fuqhom minn dik in-naħa tan-nofs."

Issa, meta ninżel bix-xugaman fuq spallti biex ngħum billejl, ma nibżax nixxarrab. Noqgħod inqabbel ir-ritmu tal-mewġ mat-taħbit ta' qalbi.